



---

**Teħid tal-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn żewġ membri ġodda tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea**

*Udjenza solenni tal-24 ta' Jannar 2011*

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru 2010 meħuda inkonformità mat-Trattati u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, ħatar lil Lazaros Lazarou bħala membru tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea, għall-perijodu bejn it-2 ta' Novembru 2010 u l-1 ta' Novembru 2016.

Wara r-riżenja ta' Maarten B. Engwirda mill-pożizzjoni tiegħu bħala membru tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Novembru 2010 meħuda inkonformità mat-Trattati u wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew, ħatar lil Gijs M. de Vries bħala membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-kumpliment tal-mandat ta' M. B. Engwirda, jiġifieri għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013.

Il-Qorti tal-Ġustizzja llum f'nofsinhar żammet udjenza solenni li matulha l-membri l-ġodda tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea ħadu l-ġurament solenni inkonformità mat-Trattati.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](http://Europe.by.Satellite)" ☎ (+32) 2 2964106*